# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-14 ta' Dicembru, 2001

**Numru 40**

**Avviz numru 599/01DM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Suda u l-istess Paul Suda**

**vs**

**Albert Brian Rosso**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici u l-attur talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta' mitejn tlieta u disghin lira sbatax-il centezmu (Lm293.17c) in kwantu ghal mitejn tmienja u sittin lira sbatax-il centezmu (Lm268.17c) lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Paul Suda in linea ta' danni minnu kagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara

fil-Marsa fis-7 ta' Settembru 2000 meta waqt li kien qed isuq vettura Numru GVN-074 habat mal-vettura Numru EBD-517 proprjeta tal-attur Paul Suda u misjuqa minnu, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Novembru, 2000, dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2001, u bl-imghax legali mit-2 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u l-Qorti qeghda tilqa' ghalhekk it-talba attrici, prevja li tiddikjara illi ghal dan l-incident awtomobilistiku kien unikament responsabbli l-konvenut Albert Brian Rosso, qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi bejniethom is-somma komplessiva ta' mitejn tlieta u disghin lira u sbatax-il centezmi bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Mejju, 2001 u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va